# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 567/2013**

Il-Pulizija

vs

**Emanuel Micallef**

iben Carmel , imwieled Pieta', detentur tal-karta ta' l-identita' numru 825553(M)

Illum, 23 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Emanuel Micallef quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-kwalita tieghu ta' direttur ta' Supermaster Ltd , Mriehel By Pass, Mriehel talli nhar it-12 ta' April 2001, u qabel din id-data, huwa naqas illi jhallas lil Saviour Cini u lil kull wiehed u kull wahda mill-ex impjegati tieghu li isimhom jidher fil-prospett anness paga, sahra, vakanzi, bonus u allowance kif hemm spjegat fil-prospett anness ac-citazzjoni.

Talli naqas li jagghti lil Paul Borg Xuereb, Victor Vella, Carmelo Borg u Margaret Vella avviz tat-temm ta' impieg shih skkont il-ligi jew kumpens minflok l-istess avviz li ma nghatax kif hemm ukoll spjeagt fl-istess prospett.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-akkuzat li jhallas lil Saviour Cini u lil kull wiehed u kull wahda mill-ex impjegati l-ammont dovut lilhom kif hemm spejegat fid-dettal fl-istess prospett anness mac-citazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 10 u 23 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet htija fil-konfront ta' Emanuel Micallef u ikkundannatu jhallas lil:

- Saviour Cini s-somma ta' seba' mija u seba' liri Maltin u tmienja u tletin centezmu(Lm707.38) ekwivalenti ghal elf sitt mija u tmienja u erbghin Ewro, u ghoxrin centezmu(€1,648.20);
- Emanuel Farrugia s-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu(Lm284.54) ekwivalenti ghal sitt mija u tnejn u sittin Ewro u tmienja u disghin centezmu(€662.98);
- Paul Borg Xuereb is-somma ta' elf tliet mija u sitt liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu(Lm1,306.77) ekwivalenti ghal tliet elef u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu(€3,044.77);
- Victor Vella s-somma ta' elf tliet mija u sitt liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu(Lm1,306.77) ekwivalenti ghal tliet elef u erbgha u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu(€3,044.77);
- Carmelo Borg is-somma ta' sitt mija u hmistax-il Lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu(Lm615.53) ekwivalenti ghal elf erba' mija u erbgha u tletin Ewro u tmintax-il centezmu(€1,434.18);
- Margaret Vella s-somma ta' seba' mija u erbgha u tletin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu(Lm734.26) ekwivalenti ghal elf seba' mija u ghaxar Ewro u tlieta u tmenin centezmu(€1,710.83);
- Isabella Zammit is-somma ta' tmenin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu(Lm80.85) ekwivalenti ghal mija u tmienja u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu(€188.38);
- Maria Victoria Cali s-somma ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tletin centezmu(Lm135.30) ekwivalenti ghal tliet mija u hmistax-il Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu(€315.25);

- Anthony Povo s-somma ta’ erba’ mija u tnejn u sittin lira Maltin u tliet centezmi(Lm462.03) ekwivalenti ghal elf u sitta u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu(€1,076.53).

U bl-applikazzjoni tal-Artikolu 41 tal-istess Kapitolu, ikkundannatu ghal multa ta’ mitt lira Maltin(Lm100.00) ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u tletin Ewro(€233).

Rat ir-rikors tal-appellant Emanuel Micallef ipprezentat fl-20 ta’ Dicembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka is-sentenza appellata billi tilleberah minn kull htija u imputazzjoni ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok kif jirrizulta mill-atti kontrarjament ghal dak li hemm fl-att ta' akkuza ma gie ipprezntat ebda prospett u kien wara xi hames snin li mmaturat il-kawza li gie pprezentat l-imsemmi prospett. Il-konsegwenza ta' dan ukoll illi zdiedu l-ismijiet li kien hemm fl-akkuza u dan wara li ghaddew diversi snin. IIli ghalhekk qieghed jigi sottomess illi ghadda zmien u hemm l-preskrizzjoni. Iz-zmien ta' preskrizzjoni huwa ta' sena u dan skont l-artiklu 47 (1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan huwa dekadenza u ma jistax jigi estiz. Il-prosekuzzjoni naqset serjament billi ssemmi l-individwi entro s-sena kif ukoll naqset serjamnet entro s-sena turi x'inhuma t-talbiet tal-parte civili xi haga li kellha taghmel mal-ewwel hekk kif kien gie iddikjarat li qedghin fl-akkuzi. Ghalhekk qieghed jigi sottomess illi s-sena ghaddiet u ma ngabet ebda prova fiz-zmien sena mill-allegat reat. Ukoll qieghed jigi sottomess illi dan mhux reat kontinwat ghax il-principal tbiddel. Ma baqax l-akkuzzat imma sar l-istralcjarju.

Illi di piu' l-esponenti ma seta' qatt jaghti notice ossia term ta' impjieg. Dan kien d-dover tal-provisional administrator. Ukoll l-esponenti qatt ma seta' jhallas dak li huwa allegat dovut ghax ikun qieghed jaghmel preferenza lill-kreditur u dan ikun frodi ossia 'fraudulent trading'. In effett kien l-provisional adminsitartor li ffirma t-termination notice. B'hekk hu gie responsabbli ghall-hlasijiet tal-pagi u dan minn meta ha over hu. Hu ghazel li jzomm il-haddiema u hu gie responsabbli. Qisu gie direttur minflok l-esponenti.

Illi l-istralcjarju fil-fatt ha t-tmexxija kollha f'idejh.

Il-paga tal-haddiema hija privileggata u messu zamm bizzejjed flus sabiex ihallas il-haddiema. Kien hemm hafna stock u hafna affarijiet li kien baqa fis-supermarket u il-provisional administartor ha hsieb li jithallas hu interament f'eluf kbar ta' Liri dak iz-zmien u abbanduna l-haddiema li huma privileggjati.llli abbazi tal-artiklu 20 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta l-provisional administrator ossia l-istralcjarju messu warrab l-paga tal-haddiema ghal dak il-perjodu li ghandhom privilegg jigifieri il-perjodu ta' tlett xhur jew paga minima fuq perjodu ta' sitt xhur. Dan l-obbligu gie trasferit lill-Stralcjarju u minflok ghamel hemm thallas hu ammonti kbar ghad-detriment tad-drittijiet tal-haddiema ghall-inqas ghal tlett xhur xi haga li naqas u kellu obbligu li jithallsu.

Illi di piu l-istralcjarju naqas mill-obbligu tieghu sabiex jassigura li jsib il-pagi ghall-haddiema abbazi tal-artiklu 21 ta-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' malta. Jezisti dak li jissejjah Fond ta' Garanzjija li jassigura illi haddiemali jitlifu l-paga minhabba li l-principal taghhom huwa fi stat ta' falliment jingabru minghand dan il-fond u l-obbligu kemm legali kif ukoll morali li jingabar dawn il-flus ma sarx. L-anqas saret applikazjon f'dan is-sens. L-istralcjarju jassumi ir-rwol ta' bonus pater familjias u dan ir-rwoll-istralcjarju naqas serjament u dan a pregdizzju tal-haddiema.

Illi diu piu' kien ghad baqa' flus sabiex jithallsu l-impjegati u l-arrettrati taghhom fil-fatt gie ddikjarat li kien hemm bizzejjed flus ghand l-istralcjarju. Ukoll rcentement l-esponenti baghat cheque ta' ghoxrin elf euros lill-isrtalcjarju li kien ircieva bhala Vat refund u ghaddiehom lis-salarju u ghalhekk kellu d-dover li jhallas l-impjegati bihom xi haga li naqas sejrament.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dan il-kaz beda meta fis-6 ta' April, 2001 il-kumpanija hawn fuq imsemmija tpoggiet taht provisional administration mill-Prim' Awla Tal-Qorti Civili (fol. 67) u ghal dan il-ghan inhatar Paul Mercieca. Eventwalment, l-istess Qorti hatret lill-istess persuna bhala stralcarju ta' din il-kumpanija b'effett mis-16 ta' Lulju, 2001.

Illi l-appellant kien gie akkuzat li hu ma kienx hallas lill-impjegati msemmija fic-citazzjoni. F'din ic-citazzjoni jissemma prospett li ghandu jindika x'inhu dovut lil kull wiehed mill-impjegati msemmija fic-citazzjoni. Eventwalment dan il-prospett gie ezebit fis-seduta tat-12 ta' Dicembru,

2003 (fol. 42).  Dan il-prospett kien jindika aktar persuni minn dawk indikati fic-citazzjoni. Ghandu jigi rilevat li dan il-prospett ma ghandhux data meta gie ezebit ghaliex ir-registratur tal-ewwel Qorti naqas li jindika meta gie ezebit dan il-prospett u min ezebih.  Din il-Qorti qed tassumi d-data tat-12 ta' Dicembru, 2003.  Ic-citazzjoni, kif korretta, bl-ismijiet il-godda kellha tigi notifikata lill-appellant.  Jigi rilevat li dawn il-haddiema ma xehedx fil-mori tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti.  Dan ma sarx u ghalhekk l-appell li jirrigwarda dawn in-nies ghandu jigi milqugh.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax jekk l-impjegati hawn fuq imsemmija thallsux il-parti tas-salarju privileggat mill-istralcarju.  Nuqqas iehor hu li ma jirrizultax jekk l-istralcarju ghamel it-talba lill-Fond ta' Garanzija taht il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tirrizulta diskrepanza bejn dak li l-haddiema kien qed jippretendu u dak indikat dil-prospett u hadd ma ndenja ruhu li jiskopri jekk it-talbiet tal-prosekuzzjoni kienx gustifikati jew le.

Illi fic-cirkostanzi hu car li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-kaz taht skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell ta' Emmanuel Micallef.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.